# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza l-27 ta'Settembru, 2023

Avviz tat-Talba numru: 130/2023 CL

**Max Insurance Brokers** (C50394)

**VERSUS**

**Capo Crudo Ltd** (C74552)

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-4 ta' April 2023, fejn is-socjeta attrici talbet lil Tribunal tikkundana lis-socjeta konvenuta sabiex thallas is-somma ta' tlett elef, tmien mija u tmintax-il euro u tmien centezmi (€3,818.08) liema ammont huwa dovut u jirraprezenta servizzi assikurattivi mitluba mill-intimata u rezi mill-attrici, liema ammont l-intimata qieghda tirrifjuta thallas bla ebda raguni valida u dan minkejja l-interpellanza gudizzjarja numru 2322/22. Bl-ispejjez tal-prezenti u l-ittra ufficjali 2322/22 u bl-imghax kummercjali mid-data tat-talbiet tal-ittra ufficjali sal-pagament effettiv.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tat-12 ta' Gunjuu 2023, it-Tribunal kien innota li s-socjeta konvenuta kienet notifikata, izda la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, is-socjeta konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Xehed James Mizzi li huwa d-direttur manigerjali tas-socjeta attrici, illi hu kien inghata l-istruzzjoni biex jaghmel rinova tal-polza tas-socjeta konvenuta. Ftit xhur wara, kif beda l-covid, is-socjeta konvenuta fethet claim taht il-polza rinovata u ghalhekk kien jaf li l-polza kienet attiva. Il-claim dehret dubjuza u meta talbu aktar provi dwar l-invoices, is-socjeta konvenuta bghatet xi affarijiet izda ma bghatitx id-dokumentazzjoni kollha li kellhom bzonn biex jikkonkludu l-claim. Insistew illi l-pagament tal-

assikurazzjoni kellhom jiehduhom mis-settlement tal-claim. Izda huma qalluhom illi l-ewwel hemm bzonn lil l-assikurazzjoni tkun mhalsa u valida. Il-claim ma setax jigi konkluz ghax baqghu jistennew aktar informazzjoni. Ipprezenta ukoll claim form iffirmata minn rapprezentant ta' Capo Crudo fil-perjodu ta' meta kienet valida l-assikurazzjoni kif ukoll kommunikazjjoni li kien hemm bejn il-partijiet.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' d-dokumenti u sema' x-xhieda tad-direttur manigerjali u ra li l-konvenut naqas milli jirregistra dehera, fid- dawl ta' tali omissjoni flimkien mal-provi mresqa, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici, u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta biex jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' tlett elef, tmien mija u tmintax-il euro u tmien centezmi (€3,818.08), bl-imghaxijiet mill-4 ta' April 2023[1] sad-data tal-hlas effettiv u finali.It-talba ghal-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 2322/22 ma tistax tintlaqa' gialadarba ma gietx ipprezentata kopja legali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mis-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Stante li ma gietx ipprezentata kopja legali tal-ittra ufficjali.